## Attivitajiet ghax-xahar ta' Gunju 2018

**Il-Gimgha l-ewwel ta' Gunju 8.00pm:** Ex Tas- Samra School, Farsons Street, Hamrun.
Illum se jkollna talk interessanti minn membri tal-Wasteserv fuq separazzjoni tal-iskart. Importanti! Titilfuhiex.

**Il-Hadd 3 ta' Gunju:** *Illum nitilqu ghal Ghawdex!*

**Programm:**

8.30am: Niltaqghu ic-Cirkewwa.
9.00am: Nitilqu mal-vapur tad-disgha.
9.30am: Coach jigborna mill-Imgarr.
10.00am – Immorru ir-Rabat.
12.00pm: Quddiesa fil Basilika ta' San Gorg gewwa r-Rabat..
1.30pm - Lunch. Se mmorru The Lantern, Marsalforn.

**Menu**

**Starters:** Vegetable soup jew Pasta Bolognese jew Ravjul.
**Main course:** Beef jew Chicken jew hut (Cerna).
Dizerta, tazza nbid u soft drink.
**Prezz:** €15 li jinkludi it-trasport gewwa Ghawdex.( ma jinkludix il-prezz tal-vapur)
3.30pm: Immorru sax Xlendi. Min irid ghandu cans ighum.
5.30pm: Lura lejn Malta mal-vapur tas-sitta.

Jekk ikollna numru bizzejjed ta' nies ( minimu ta' 17 il-persuna ), se norganizzaw vann bhas-soltu minn hdejn l-Education li jitlaq fis-7.30 am.(fis-sebgha u nofs). Il-prezz tal-vann €5 bir-ritorn. Booking ghal Ghawdex u ghall-vann ma' Mark Farrugia mobile number 79452005. Mal booking ghidulna l-ghazla tal-menu bhas-soltu.

***Importanti!! Bookings jigu accettati biss sal Gimgha 1 ta' Gunju 2018***.

**Il-Gimgha 8 ta' Gunju 8.00pm**: Ex Tas-Samra School, Farsons Street, Hamrun.
Illum Marija se taghmel il-kwizz li tant thobbu: Staqsini Ghoxrin. Rigali x'jintrebhu!

**Il-Gimgha 15 ta' Gunju 8.00pm: Ex Tas-Samra School ,Farsons Street, Hamrun.**
Illum ghall-okkazjoni ta' Jum Il-Missier Fr.Saviour Chircop se jqaddsilna quddiesa biex fiha nitolbu ghall-missirijiet, hajjin u mejtin. Se naghmlu wkoll raffle. Xi rigal tal-okkazjoni ma jonqosx.

**Il-Gimgha 22 ta' Gunju 8.00pm: Ex Tas-Samra School, Farsons Street, Hamrun.**
Illum se jkollna tahdita interessanti dwar Servizzi Finanzjarji minn Sonya Aquilina, John Debono, Noel Debono, u Andre` Cauchi. Din ghandha tkun tahdita interessanti ghax dejjem titghallem...anke ghal min m'ghandux x'jinvesti...bhali!

**Il-Hadd 24 ta' Gunju 10.00am:** Illum se nikkomemoraw Jum ir- Romol li, kif ghedtilkom fin-newsletter jahbat fit-23 ta' Gunju, billi mmorru sal-Imgarr fejn nisimghu quddiesa imbaghad immorru nieklu. Wara nistghu immorru mixja sal-Gnejna jew, min irid, jinzel ighum. Dettalji dwar l-ikla jinghataw aktar tard. Din se tkun ukoll il-Birthday Celebrations ta' Gunju peress li l-ahhar Gimgha fid-29 ta' Gunju tahbat Festa Pubblika u ma niltaqghux.




Volum 21 Harga 6 Gunju 2018

Gheziez Hbieb,

Nispera li kulhadd jinsab tajjeb. Bic-cajt ic-cajt wasalna f'nofs is-sena! Gunju! Ghadda jum l-Omm u wasal Jum il-Missier. Ghalhekk f'din il-harga hsibna wkoll fil-missirijiet bhal ma hsibna qabel fl-ommijiet.

F'dan ix-xahar nahsbu fil-missirijiet kollha li ghandna fil-grupp li bhalna l-ommijiet kellhom b'kuragg kbir ikomplu l-hajja wahedhom. Min kellu t-tfal zghar kellu jkompli jrabbi wahdu, min ma kien qatt ghamel xejn fid-dar kellu jmidd idejh u hafna problemi ohra. Il-hajja taghna r-romol m'hijiex facli izda b'hafna kuragg u s-sapport ta' xulxin inkomplu mexjin 'il quddiem. L-Importanti....MA RRIDUX NAQTGHU QALBNA!
Ghalhekk f'dan ix-xahar, bhal m'ghamilna f'Mejju, se naghmlu wkoll quddiesa mmexxija minn Fr.Saviour Chircop biex nitolbu ghall-missirijiet kemm hajjin kif ukoll mejtin.U sintendi xi rikordju zghir ghal Jum il-Missier ma jonqosx!

Dan ix-xahar ukoll jahbat Jum ir-Romol li jigi mfakkar nhar it-23 ta' Gunju. Ghal din l-okkazjoni naghmlu xi attivita` ukoll. Infakkru wkoll it-twaqqif tal-grupp wiehed u ghoxrin sena ilu nhar il 21 ta' Gunju. Kif diga' ghednilkom dan ix-xahar se niltaqghu fl-iskola Tas-Samra li tinsab go Farsons Street, il-Hamrun. Il-hin li niltaqghu jibqa' bhas-soltu...8.00pm. Imbaghad ghandna tlett xhur tas-Sajf...Lulju, Awwissu u Settembru ...li kif tafu niltaqghu barra. Meta jasal Ottubru naraw x'se jigri. Suppost se nergghu immorru lura l-Education....imma z-zmien jaghtina parir.

Fix-xahar ta' Gunju se jkollna talks interessanti u xi loghob ukoll. Titilfuhomx! Nixtieq qabel naghlaq niehu din l-opportunita` biex nirringrazzja lill-kumitat il-gdid li qed jahdem bis-shih ghall-gid tal-grupp. Nixtieq ukoll minn qalbi nirringrazzja lil Victor Galea, vice-chairperson, li tant stinka biex insibu post alternattiv fejn niltaqghu. Nirringrazzja wkoll lit-team li jaghmlu l-kafe` wara l-laqghat u lil Monica li ggibilna l-kejkijiet u l-pudina. U fl-ahhar izda mhux l-anqas nirringrazzja wkoll lilkom il-membri kollha tal-koperazzjoni taghkom ghax minghajr il-presenza taghkom ma naghmlu xejn.

Nixtieq naghlaq billi minn qalbi naghmel kuragg u nawgura lil missirijiet kollha fil-grupp xewqat sbieh ghal Jum il-Missier.

***HAPPY FATHER'S DAY!***

Dejjem Taghkom,
Marija.

## The History of Father’s Day in the United States

There are two stories of when the first Father’s Day was celebrated. According to some accounts, the first Father’s Day was celebrated in Washington state on June 19, 1910. A woman by the name of Sonora Smart Dodd came up with the idea of honouring and celebrating her father while listening to a Mother’s Day sermon at church in 1909. She felt as though mothers were getting all the acclaim while fathers were equally deserving of a day of praise (She would probably be displeased that Mother’s Day still gets the lion’s share of attention).

Sonora’s dad was a quiet man. William Smart, a veteran of the Civil War, was left a widower when his wife died while giving birth to their sixth child. He went on to raise the six children by himself on their small farm in Washington. To show her appreciation for all the hard work and love William gave to her and her siblings, Sonora thought there should be a day to pay homage to him and other dads like him. She initially suggested June 5th, the anniversary of her father’s death to be the designated day to celebrate Father’s Day, but due to some bad planning, the celebration in Spokane, Washington was deferred to the third Sunday in June.

The other story of the first Father’s Day in America happened all the way on the other side of the country in Fairmont, West Virginia on July 5, 1908. Grace Golden Clayton suggested to the minister of the local Methodist church that they hold services to celebrate fathers after a deadly mine explosion killed 361 men.

While Father’s Day was celebrated locally in several communities across the country, unofficial support to make the celebration a national holiday began almost immediately. William Jennings Bryant was one of its staunchest proponents. In 1924, President Calvin “Silent Cal” Coolidge recommended that Father’s Day become a national holiday. But no official action was taken. In 1966, Lyndon B. Johnson, through an executive order, designated the third Sunday in June as the official day to celebrate Father’s Day. However, it wasn’t until 1972, during the Nixon administration, that Father’s Day was officially recognized as a national holiday.




## Poeżija għal Jum il-Missier

**F’dan** il-Jum fix-xahar ta’ Gunju
Missier aħna nduru lejk
Biex nuruk l-istima tagħna
Xi ftit iktar niġu ħdejk.
**Jixraq** li matul is-sena
Lil Missier irroddu ġieħ
Huwa t-tmun minn tal-familja
Kull għajnuna nsibu fih.
**Sa minn** kmieni huwa jbakkar
Jaqla’ l-ħobża ta’ kuljum
Għall-imħabba ta’ uliedu
Jagħmel dan kemm ħaj idum.
**Xieraq** illi f’dil-ġurnata
Rigal ċkejken aħna ntuk
Mill-qalb ħiereġ f’din il-għodwa
Imħabbitna b’hekk nuruk.
**Dil-ġurnata** ukoll tiġi
Biex insellmu lill-Missier
Illi llum telaq, ħalliena,
Seta’ kien f’saħħtu daqs plier!
**Għax il-Mewt** ma għandhiex ħniena
Tagħha l-minġell jaqta’ sew –
Fqar u għonja ġew u marru
Dan is-snin dejjem urew.
Jekk l-omm hija l-kolonna
Illi tirfed il-familja
Fil-missier żgur l-ulied kollha
Ta’ kull qawwa jsibu l-milja.
**Nirringrazzjawk , għażiż Missier**
**Ilqa’ tagħna l-ħajr sinċier.**

Kav Joe M Attard
11-V1-2000